ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 43/09 (kontinwazzjoni tas-seduta)**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 30 ta' Novembru 2009**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillieri s-Sur Joseph Camilleri u s-Sur Harry Debono kienu skużati.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Kunsill iddiskuta d-dsatax il-proposta mressqa mis-Sindku u approvata mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa.

Dwar l-offerta tal-konkos, ġie deċiż li għandha tingħata preferenza lil min għandu mpjant tal-konkos (titniżżel bħala kundizzjoni).

Dwar il-permess lil Baron Group, is-Sindku qal li għandhom jagħmlu t-talba tagħhom bil-miktub għalkemm dan qed ikun approvat.

Is-Sindku ressaq dawn il-proposti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

1. "Li jsiru l-kompetizzjonijiet għall-aħjar presepju fil-kategoriji:
   (a) tal-presepji żgħar – daqs sa metru u nofs kubu
   (b) tal-presepji kbar – akbar minn metru u nofs kubu.
2. Biex tiġi rranġata bis-siment Triq il-Qbajjar quddiem l-ispiżerija Tony's Pharmacy u Galea Supermarket li qiegħda fi stat perikoluż għall-pubbliku.
3. Biex tiġi rranġata u jitneħħa l-periklu fuq il-bankina fi Triq Manwel Magro l-isfel mill-Jumbo Minimarket.
4. Biex jiġi mfassal programm u nagħmlu *budget* biex niċċelebraw il-Festi Pawlini f' Marsalforn nhar il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd 22, 23 u 24 ta' Jannar 2010 u li dan għandu jkun konkluż u approvat fil-laqgħa li jmiss.
5. Nixtru Christmas *decorations* għal mal-fanali ta' Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja (mingħand tal-Lira).

6. Biex nibdlu bil-bozoz tal-kulur il-fanali ta' Pjazza l-Assunta għal dan iż-żmien ta' festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena.
7. Biex nixtru l-ktieb 'Inservi' biografija tal-E.T. Edward Fenech Adami President Emeritus.
8. Biex nixtru kaxxa Whisky u kaxxa Brandy kif ukoll *soft drinks* u ilma għal Kunsill.
9. Biex jitħawwlu żewġ palmiet fi Triq iż-Żebbuġ, waħda fejn l-għajn tal-Kunsill u l-oħra fl-*area* ta' l-i*skips*. Dawn il-palmiet jinqalgħu waħda minn Trejqet l-Andar u l-oħra mix-Xewkija".

Dawn il-proposti kienu approvati.

Dwar il-bankina perikoluża fi Triq Manwel Magro, ġie deċiż li jintalab il-parir tal-Perit.

Dwar it-tħawwil tal-palm, kien maqbul li tinġab stima tax-xogħol u t-tħawwil isir taħt is-supervizzjoni ta' Savio Saliba.

Il-Kunsillier Victor Refalo ppropona li:

1. "Tinkesa bit-tarmak (kisja waħda) Triq Għajn Mhelhel – mhux fil-bini.
2. Tingħata manutenzjoni Triq is-Sagħtrija.
3. Titkompla bil-konkos it-Triq Ta' Tutiet.
4. Tingħata manutenzjoni (*patching* bil-konkos) it-Triq tal-Ħluq.
5. Tiddawwal iżjed Triq il-Knisja, mill-bini tal-każin tal-Banda sal-Pjazza għax hemm ħafna tgergir.
6. Jitranġa l-*pitch* tal-boċċi taż-Żebbuġ u jiddawwal kif suppost.
7. Suġġeriment biex isiru *railings* madwar ir-*roundabout* ta' Pjazza Madonna tal-Virtut.
8. Isir *water culvert* li kien approvat fl-isqaq fejn joqgħodu ta' Hili fi Triq Għajn Mhelhel.
9. *Patching* fi Triq il-Kanun.
10. Biex fis-sajf isir festun tad-dawl *waterproof* fix-xatt ta' Marsalforn (minn ħdejn il-Kartell Restaurant sal-Menqa).
11. Issir pied bankina mal-ħajt tat-triq fi Triq iż-Żebbuġ fejn il-Kunsill ħawwel is-siġar taż-żebbuġ.

Dwar proposti nru. 1 & 3, kien maqbul li ssir stima tax-xogħol mill-Perit.
Il-Kunsill approva t-traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' Triq is-Sagħtrija.
Dwar id-dwal ta' Triq il-Knisja, ġie deċiż li jsir rapport mill-Inġinier.
Dwar proposta nru. 7, nagħtu *reminder* lill-Perit dwar il-pjanta li kellu jagħmel.
Dwar proposta nru. 8, ġie deċiż li jsir rapport mill-Perit.
Proposti 9-11, kienu approvata mill-Kunsill.

## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

| | |
|---|---|
| *Picnic cooler* għall-labar tal-influwenza (Scicluna Int. Housewares) | €33.25 |
| Servizz ta' tilqim (Luigia Cefai) | €30.00 |
| Boroż taż-żibel għall-kenniesa (Inserv) | €101.72 |
| Ħlasijiet dovuta lill-MEPA – applikazzjoni għal passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn (MEPA) | €163.00 |
| Kurduna għal bankina fi Triq id-Duluri (Nicky Saliba) | €31.86 |
| Ġarr tal-logħob tan-nar minn Malta - 'Ilwien ir-Rebbiegħa' (Nicky Saliba) | €571.12 |
| Logħob tan-nar għall-Musical 'Għeruqna' (Nicky Saliba) | €708.00 |
| Tiswija ta' kompjuter (Gozo Business Systems Ltd) | €52.00 |
| Diversi xogħlijiet (Joseph Cefai) | €895.62 |
| Bini ta' ħajt fl-*area* ta' l-i*skips* fi Triq iż-Żebbuġ (Louis Attard) | €778.80 |
| *Lamp post* għal Triq il-Port (quddiem il-Marlene D) u *parts* għal fanal minn tal-Menqa (E. Calleja & Sons Ltd) | €1,583.53 |
| Brazzi għall-fanali ta' quddiem il-knisja ta' Marsalforn (E. Calleja & Sons Ltd) | €416.26 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Ottubru 2009 (Louis Attard) | €4,071.93 |
| *Mobile phone* – tal-Kunsillier Camilleri (Sound & Vision) | €190.00 |
| Il-kisi bit-tarmak ta' Triq Barda – l-ewwel kisja (Road Construction Co Ltd) | €19,616.30 |
| *Contract Manager fee* – il-kisi bit-tarmak ta' Triq Barda (il-Perit Edward Scerri) | €1,032.44 |

## IR-RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2008 -2009

Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2008 – 2009 kien meħud bħala moqri. Il-Kunsill approva r-Rapport .

## AFFARIJIET OĦRA

### TALBIET / SUĠĠERIMENTI MILL-PUBBLIKU

Ilment 92/2009 – Anthony Saliba
Talab biex jinqata' l-qasab li hemm fi Triq Ta' Milied. Ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel stima għall-kisi bil-konkos tat-triq.

Ilment 96/2009 – George Sacco
Ilmenta li fi Triq il-Munġbell kantuniera ma' Triq il-Wied qed iżomm kwantita' ta' ilma tax-xita fit-triq. Issuġġerixxa li parti minn Triq il-Wied, dik il-parti tat-triq li tiġi quddiem il-*belvedere* tingħalaq għat-traffiku fix-xhur tas-sajf.

Kien hemm qbil li x-xogħol tat-tarmak fi Triq iċ-Ċnus jinbeda u dik il-parti tat-triq fejn għad trid issir l-esproprjazzjoni tal-art ma tintmessx.

Fuq proposta tal-Kunsillier Refalo, kien hemm qbil li jsir kors dwar l-użu tal-kompjuter.

Il-Kunsill approva l-manutenzjoni tal-fanali tal-pjazza; jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-IPSL.

Dwar il-kuntratt ta' Ġanni Cini tar-*railings* tal-*promenade* ta' Marsalforn, is-Sindku għarraf lill-Kamra li d-diżinn tar-*railings* mhux qiegħed skont l-i*standards* tal-Unjoni Ewropeja u qal li kien talab lill-Perit biex jimmodifika d-diżinn u jindika l-ispiża għax-xogħol ta' ħadid *extra*. Qal li l-Kumitat li ġie mwaqqaf għall-proġett ta' Marsalforn ser jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż addizzjonali.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li kien qed isir studju dwar il-lokalita' ta' Marsalforn minn Kumitat imwaqqaf u li l-Kunsill huwa rappreżentat minnu bħala Sindku. Qal meta jkun lest l-istudju, ser ikun hemm żmien għall-konsultazzjoni pubblika.

Il-Kunsillier Refalo ppropona li l-Kunsill kollu jkun fuq dan il-Kumitat. Is-Sindku qal ma jistax jimponi xi ħaġa bħal din fuq l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-Kunsillier Refalo oġġezzjona u kien hawn li rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

Il-*quorum* intilef u s-Sindku aġġorna l-laqgħa għall-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Sindku*** | ***Segretarja E\ekuttiva*** |

**Dok. A**

**Seduta Nru. 43/09**

**Ċedola tal-Pagamenti**

| | |
|---|---|
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Ottubru 2009 | |
| (John Zammit) | €229.23 |
| Rimi ta' siġra mqaċċta fil-*promenade* tal-Qbajjar | |
| (John Zammit) | €25.00 |
| Sapport għal ħames siġriet fil-*promenade* tal-Qbajjar | |
| (John Zammit) | €30.00 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Ottubru 2009 | |
| (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Settembru 2009 | |
| (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €663.95 |
| *Contracts Manager fee* – Settembru 2009 | |
| (Fortunato Mifsud) | €71.06 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons | |
| (GO) | €211.49 |
| Provista ta' ġebel għal Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja (presepju), Triq iż-Żebbuġ (*skip area*) u Triq Għajn Mhelhel | |
| (Randu Zammit) | €290.00 |
| Xogħol ta' ħadid għal Triq l-Oniċi | |
| (Ganni Cini) | €170.00 |
| Servizzi ta' kurrier | |
| (Gozo Express Services Ltd) | €28.32 |
| Spejjeż ta' l-uffiċċju | |
| (Smart Office Supplies Ltd) | €276.54 |
| Servizzi ta' librara – Ottubru 2009 (Joanne Grima) | €67.08 |
| Servizzi ta' fotografu – 24 & 31/10/09 | |
| (Joseph Mercieca) | €400.00 |
| Servizz ta' koreografu – Musical 'Għeruqna' | |
| (Michelle Vella) | €210.00 |
| Servizz ta' minibus – attivita' Clean up the sea | |
| (Felix Cini) | €20.00 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Ottubru 2009 | |
| (Felix Cini) | €74.24 |
| Kuruna tal-ward | |
| (Fortunato Mifsud) | €28.00 |
| 3 *Litterbins* | |
| (Green Skip Services Ltd) | €288.62 |

16 ta' Novembru 2009